**7 ta' Marzu, 1963**

**Imħallef:**

**Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.**

Carmelo Caruana pro. et noe.

*versus*

Professur Avukat Dottor Felice Cremona noe

**Ġurisdizzjoni — Art. 743 (g), Kodiċi tal-Proċedura Ċivili — Art. 833, Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

Il-Qorti:— Rat l-att ta' ċitazzjoni li bih l-attur "proprio et nomine" — wara li ppremetta li hu kien għamel xogħol ta' aġenzija tal-bastimenti Njord u Hasewint fuq istruzzjonijiet u akkordi mad-ditta "Kamp's" u jinsab kreditur għal dan ix-xogħol fis-somma ta' tliet mija u erbatax-il lira, ħmistax-il xelin u erba' soldi (£314.15.4), kwantu għal tlieta u sebgħin lira, tlettax-il xelin u għaxar soldi (£73.13.10) bilanċ ta' somma akbar għal sborsi għal bastiment "Njord" u kwantu għal

mitejn, wieħed u erbgħin lira, xelin u sitt soldi (£241.1.6) għal sborsi magħmula għal bastiment Hasewint, — u li l-konvenut "nomine" ma riedx iħallas l-ammont kollu mitlub — talab illi l-istess konvenut "nomine" jiġi kkundannat iħallas lilu l-*imsemmija somma ta' tliet mija* u erbatax-*il lira*, ħmistax-il xelin u erba' soldi (£314.15.4), kwantu għal tlieta u sebgħin lira, tlettax-il xelin u għaxar soldi (£73.13.10) bilanċ ta' somma akbar sborsata għal bastiment Njord u kwantu għal mitejn u wieħed u erbgħin lira, xelin u sitt soldi (£241.1.6) għal sborsi magħmula għal bastiment Hasewint. Bl-interessi kummerċjali mid-data ta' l-isborsi u bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-mandat ta' impediment ta' partenza ta' bastiment in data tlieta u għoxrin (23) ta' Awissu, 1960;

Omissis;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ta' l-imsemmi Avukat Professur Dottor Felice Cremona fil-kwalità tiegħu premessa li biha hu ssottometta, salvi eċċezzjonijiet oħra u mingħajr preġudizzju ta' kull azzjoni ta' danni talvolta kompetenti in kwantu ġie arrestat il-bastiment Njord għal debiti talvolta dovuti mill-bastiment Hasewint ta' ħaddieħor:

Li d-domandi, in kwantu diretti kontra d-ditta Kamp's Scheepvaart en Handelmaatschappij N.V. ta' Groningen għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż billi l-imsemmija ditta aġiet *sempliċement bħala* "*agents*" u "brokers" tal-proprjetarji tal-bastiment Njord u Hasewint u f'dik il-kwalità ma tistax tkun responsabbli personalment ta' sborsi talvolta magħmula lill-imsemmijin bastimenti;

Li l-kaptan tal-bastiment Njord ma jista' qatt ikun res*ponsabbli ta' sborsi talvolta magħmula għal bastiment Hase*wint li tiegħu ma kienx il-kaptan u li lanqas ma jappartjeni lill-proprjetarji tal-bastiment Njord u għalhekk id-domandi, in

kwantu jirrigwardaw l-isborsi talvolta magħmula għal bastiment Hasewint, għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż;

Li — mingħajr preġudizzju tal-premess — in kwantu id-domandi jirrigwardaw l-iżborsi magħmula għall-bastiment Njord, li tiegħu kien proprjetarju l-imsemmi kaptan Pieter Van Wering, hu (eċċipjent) hu pront iħallas lill-attur is-somma ta' disgħa u sittin lira, seba' xelini u seba' soldi (£69.7.7) għas-saldu tal-pretensjoni tiegħu; però jipprotesta kontra l-ispejjeż tal-ġudizzju in kwantu jirrigwarda din it-talba billi l-bastiment Njord ġie arrestat qabel ma l-attur bagħat il-kontijiet relativi għall-isborsi minnu magħmula u, fil-fatt, sal-lum il-"vouchers" oriġinali għadhom ma ġewx preżentati;

Omissis;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ta' l-Avukat Professur Felice Cremona bħala mandatarju ta' l-imsemmija ditta konvenuta li biha ssottometta:

Illi d-domandi, in kwantu huma diretti kontra dik id-ditta, għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż, billi l-istess ditta aġiet bħala aġenti u "brokers" tal-proprjetarji tal-bastimenti Njord u Hasewint u f'dik il-kwalità ma tistax tkun responsabbli għal sborsi talvolta magħmula lill-istess bastimenti;

Omissis;

Tikkunsidra:

Mill-provi jirriżulta li 'l fuq imsemmi Kaptan Pieter Van Wering kien il-kaptan u l-proprjetarju tal-bastiment Njord u li ma kellu x'jaqsam xejn mal-bastiment l-ieħor Hasewint li kien jappartjeni lil ħaddieħor, jiġifieri lil Jan Cremer.

Ma jirriżultax illi l-istess Kaptan Pieter Van Wering kien ir-*rappreżentant tad-ditta Kamp's* Scheepvaart en Handelmaatschappij N.V. Dina hija llum rappreżentata f'dan il-ġudizzju mill-mandatarju tagħha Avukat Professur Dottor Felice Cremona.

Però din il-Qorti m'għandiex ġurisdizzjoni biex tisma u tiddeċiedi l-kawża in kwantu l-istess tirrigwarda lil din id-ditta billi din l-istess ditta ma tidħol fl-ebda waħda mill-kategoriji tal-persuni li l-liġi tal-proċedura, fl-artikolu 743, tassoġġetta għall-ġurisdizzjoni tal-Qrati Ċivili tal-Gżira ta' Malta u taddipendenzi tagħha.

L-attur jippretendi li tidħol fil-kategorija ta' dawk il-persuni li huma indikati fl-inċis (g) ta' l-artikolu fuq imsemmi li jossoġġetta għal ġurisdizzjoni ta' dawn il-Gżejjer "kull persuna, għal kull obbligazzjoni li tkun ikkuntrattat ma' sudditu tal-Maestà Tagħha r-Reġina, meta s-sentenza tista' tkun esegwita *f'dawn il-Gżejjer", u dan għaliex hu jippretendi li hemm* flus f'Malta appartenenti lill-imsemmija ditta li fuqhom sentenza kontra dik id-ditta tkun tista' tiġi esegwita.

Dawn il-flus, li l-attur jippretendi huma ta' l-imsemmija ditta, huma dawk li l-Kaptan Pieter Van Wering iddeposita taħt l-awtorità ta' din il-Qorti (Ċedola numru 39 tal-1960) biex jillibera l-imsemmi bastiment tiegħu Njord mill-mandat ta' impediment ta' partenza li fit-tlieta u għoxrin (23) ta' Awissu, 1960, kien ġie spedit minn din il-Qorti kontra dak il-bastiment ad istanza ta' l-attur li, biex jottieni l-ispedizzjoni ta' dak il-mandat, ħalef illi l-istess Kaptan Pieter Van Wering, bħala kaptan ta' dak il-bastiment, u in rappreżentanza ta' l-imsemmija ditta "Kamp's Scheepvaart en Handelmaatschappij N.V.", kien debitur lejh appuntu fis-somma li hu indika fl-odjern att ta' ċitazzjoni, jiġifieri kwantu għal mitejn u wieħed u erbgħin lira, xelin u sitt soldi (£241.1.6) għal sborsi

magħmula għall-bastiment Hasewint, li fl-atti ta' l-imsemmi mandat hu erroneament qal li jappartieni lid-ditta fuq imsemmija, u kwantu għal tlieta u sebgħin lira u tlettax-il xelin (£73.13.0), bilanċ ta' sborsi magħmula favur il-bastiment **Njord.**

Ġià la darba, skond il-ġurament ta' l-attur, il-mandat ta' impediment tal-partenza tal-bastiment Njord ġie spedit in kawtela mhux biss tal-pretensjoni ta' l-attur kontra l-Kaptan Pieter Van Wering *għal rimbors ta' l-isborsi* pretiżi magħmula favur l-imsemmi bastiment Njord imma anke in kawtela tal-pretensjoni tiegħu għal rimbors ta' sborsi pretiżi magħmula għal bastiment Hasewint, u mhux, kwindi, kontra l-imsemmi Kaptan Pieter Van Wering personalment u bħala kmandant ta' dak il-bastiment tiegħu, biss; imma anke kontra l-istess Kaptan Pieter Van Wering in rappreżentanza ta' l-imsemmija ditta Kamp's Scheepvaart en Handelmaatschappij N.V. (rappreżentanza li iżda l-Kaptan Van Wering ma kellux) billi l-attur erroneament kien jirritieni li dak il-bastiment Hasewint kien jappartieni lil dik id-ditta, il-Kaptan Pieter Van Wering, biex jillibera il-bastiment tiegħu, kellu bil-fors jiddepożita s-somma kollha reklamata mill-attur (anke dik li ma kienx tenut għaliha għaliex ma kellux x'jaqsam mal-bastiment l-ieħor Hasewint u mad-ditta Kamp's Scheepvaart en Handelmaatschappij — N.V.) għaliex, skond il-liġi, biex jiġi imneħħi att kawtelatorju, il-parti li kontra tagħha jkun ġie *maħruġ dak l-att, trid tagħmel depożitu jew tagħti pleġġerija* li tkun biżżejjed biex tqiegħed fiż-żgur il-jeddijiet jew pretensjonijiet imsemmija f'dak l-att (art. 833, Kodiċi tal-Proċedura Ċivili) u, trattandosi tal-mandat ta' impediment tal-partenza in parola, l-istess Kaptan Van Wering, biex ineħħi l-effett ta' dak il-mandat, kellu wkoll jaħtar prokuratur biex jidher għalih fil-kawża li l-attur kellu jagħmel għal kanonizzazzjoni talkreditu jew pretensjonijiet tiegħu; f'liema proċeduri relativi għad-depożitu u prokura kellu bilfors jidher fil-kwalità li fiha

l-attur kien għoġbu li jipproċedi kontra tiegħu fit-talba għall-ispedizzjoni tal-mandat, u lanqas ma tiswa għall-pretensjoni ta' l-attur dwar il-ġurisdizzjoni ta' din il-Qorti, il-kawża ta jattanza li l-kaptan Pieter Van Wering għamel kontra l-attur riferibilment għall-pretensjonijiet ta' l-istess attur dwar l-imsemmijin sborsi, billi dik il-kawża ta' jattanza, li — ħaġa li forsi tiswa li, tiġi notata — l-kaptan Van Wering għamel biss bħala *kaptan tal-bastiment* Njord, kellha naturalment tkun *skond il-pretensjonijiet millantati mill-attur fl-attijiet relativi* għall-ispedizzjoni tal-mandat ta' impediment ta' partenza fuq imsemmi, ċirkostanzi li *bl-ebda mod ma jneħħu* l-fatt li l-kaptan Van Wering u l-bastiment tiegħu Njord ma kellhomx x'jaqsmu mal-bastiment l-ieħor Hasewint u mad-ditta Kamp's Scheepvaart en Handelmaatschappij N.V., u ċertament ma assoġġettawx il-bastiment Njord, u, minfloku, id-depożitu li jirrappreżentah għaliex ħa l-lok tiegħu, biex hu jkun jista' jsiefer, għall-pretensjoni ta' l-attur fuq bastiment ieħor u kontra persuna oħra diversa. Dak il-bastiment baqa' tal-Kaptan Van Wering u l-flus depożitati baqgħu ta' l-istess Kaptan Van Wering li ħariġhom minn butu.

Għaldaqstant *tiddikjara* li m'għandix ġurisdizzjoni biex *tisma u tiddeċiedi* l-kawża *in* kwantu tirrigwarda lid-ditta Kamp's Scheepvaart en Handelmaatschappij N.V., bl-ispejjeż kontra l-attur.